MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru. 271/2007

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT STEPHEN J GATT**

**KONTRA**

**SHAWN MAMO ta' 20 sena, iben Philip u Miriam Muscat, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26 ta' Ottubru, 1988, residenti fil-fond numru 26, Flat 3, Triq ix-Xatt, Tal-Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 508388M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SHAWN MAMO** li gie akkuzat talli nhar il-5 ta' April, 2007 gewwa l-Pieta' u l-Ghassa ta' l-Imsida:

1. Hedded u ngurja diversi pulizija, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrifjuta jaghti, jew ta falz lill-pulizija, ufficjali pubblici, jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338g tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338dd tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma jhalliehx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b’xi mod iehor bla jhedd indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi jew b’xi mod iehor li jkun, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338ee tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 40);

Rat illi mal-prezentata Shawn Mamo wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti processwali li juru li fil-mori ta’ dawn il-proceduri Shawn Mamo tilef anke l-beneficcju tal-Helsien mill-Arrest. Fil-fatt ghandu jinghad illi din il-kawza li ttawlet ghalxejn, frankament kienet ikkaratterizzata minn tali fatt: rikors ghall-ghoti tal-Helsien mill-Arrest, trattazzjoni fuq l-istess,

digriet tal-Helsien mill-Arrest, ksur ta’ l-istess kundizzjonijiet, u terga’ konsegwenti revoke.

Rat ukoll illi fil-mori ta’ din il-kawza giet registrata ammissjoni ta’ l-istess imputat – gie ordnat ghalhekk minn din il-Qorti *Pre-Sentencing Report* – DOK MF, folio 55 – 64.

Semghet f’dan ir-rigward lill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia, li tat stampa cara tal-problemi li bihom kien afflitt Shawn Mamo. Giet ghalhekk anke mahtura l-Psikologista Claudine Azzopardi li pprezentat ir-relazzjoni taghha a folio 94. F’din ir-relazzjoni nsibu studju aktar approfondit tal-karattru ta’ Shawn Mamo.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-*Probation Officer* jirrizulta ben car illi Shawn Mamo ma tantx kien koperattiv fuq *Probation Order* gia’ lilu moghtija precedentement, tant illi l-istess *Probation Officer* ma kinitx tal-fehma, ghalkemm rikonoxxenti li Shawn Mamo kellu bzonn l-ghajnuna, li jinghata xi tip ta’ ordni b’sorveljenza ohra. Din anzi kompliet sostniet imeta regghet telghet tixhed u anke qalet illi Shawn Mamo lanqas tul il-mori ta’ dawn il-proceduri mar zamm kuntatti regolari maghha - hlief ghal wiehed.

Ghaldaqstant qieghed tikkundanna lil Shawn Mamo ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur sospizi ghal sena(1), wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------